- *ACTIO REIVENDICATORIA –*

*- ART. 2143 TAL-KAP 16 –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 3514/1996/RCP.**

**Anthony Mercieca.**

**vs**

**Anthony Buhagiar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt pubbliku datat sittax (16) ta' Mejju, elf, disa' mija u tmienja u sittin (1968) fl-atti tan-Nutar Dottor Frank Xavier Dingli, l-attur akkwsita minghand

Joseph Micallef l-utili dominju perpetwu taz-zewg fondi bin-numri 78 u 79 fi Stuart Street, Gzira hawn anness u mmarkat Dok. “A”;

Illi l-konvenut qed jokkupa art li tinsab fuq il-parti ta’ wara ta’ dawn l-istess fondi, u dan billi bena hajt fuq l-istess art, liema art tappartjeni lill-istess attur u li pprevjeniet ghandu kif fuq intqal u dan kif jirrizulta mill-pjanti hawn annessi u mmarkati Dok. “B” u Dok. “C”;

Illi peress li l-bicca art li qed jokkupa l-konvenut hija ta’ cirka qasba b’qasba u nofs;

Illi ghalhekk l-istess konvenut qed jokkupa din il-porzjoni ta’ art minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-porzjon art li hemm wara l-fondi mertu ta’ din il-kawza, bin-numru 78 u 79 fi Stuart Street, il-Gzira hija proprjeta’ tal-attur;

(2) Tiffissa zmien qasir u perentorju, sabiex il-konvenut inehhi l-effetti mobbli li jinsabu f’dik il-bicca art, u jwaqqa’ l-hajt li l-konvenut bena abbuzivament fuq din l-istess bicca art;

(3) Tordna li l-hajt li hemm jifred iz-zewg fondi jitnehha a spejjez tal-konvenut u jerga jitla kif kellu jkun originarjament anke permezz ta' periti nominandi;

(4) Fil-kaz li l-konvenut jonqos milli jaghmel dak li jigi lilu ordnat fiz-zmien lilu prefiss, tawtorizza lill-attur jesegwixxi huwa stess x-xoghol rimedjali rikjest a spejjez tal-konvenut u taht id-direzzjoni tal-istess perit nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' April kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 1997.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 17 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li mhux minnu li l-eccipjenti qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi bicca art wara l-fondi numri 78 u 79 fi

Stuart Street, Gzira, liema porzjoni ta' art ilha tifforma parti integrali mill-fond residenzjali tal-esponent 80, Stuart Street, Gzira ghal fuq minn erbghin (40) sena.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 14 tal-process.

Rat il-lista ta- xhieda a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tal-4 ta' Novembru 1997, u tal-11 ta' Mejju 1998, fejn l-istess konvenut tramite d-difensur tieghu Dr. George Abela spjega li l-eccezzjoni tieghu hija bbazata fuq dik tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali, u fejn gie nominat il-Perit Tekniku A.I.C Joseph Ellul Vincenti biex jipprepara pjanta li fiha ghandu jindika l-art in kwistjoni kif ukoll iz-zewg fondi tal-kontendenti u jaghti kejl tal-istess art in kontestazzjoni, u wkoll jindika kull haga li tista' torbot din l-art ma wiehed jew l-iehor tal-fondi tal-kontendenti, bl-ispejjez provizzorjament ghall-attur, u l-kawza baqghet differita ghal-4 ta' Novembru 1998 ghall-prezentata tal-istess pjanta.

Rat il-verbal tas-seduti tal-4 ta' Novembru 1998, u 7 ta' Dicembru 1998 fejn deher il-Perit Joseph Ellul Vincenti u halef ir-rapport prezentat fis-7 ta' Awissu 1998, u li jinsab a fol. 23 sa fol. 40 tal-process u l-

kawza thalliet ghall-ezami tar-rapport ghat-28 ta' April 1989.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess perit tekniku u wkoll l-istess rapport peritali u l-pjanti u d-dokumenti hemm annessi.

Rat il-verbal tat-28 ta' April 1999 fejn Dr. Vincent Galea ghall-attur irrimmetta ruhu ghar-rapport hlief ghall-parti konkluzzjonali tar-rapport u precisament ghal dik il-parti taghha fejn jinghad li l-art immarkata bl-ahmar fuq il-pjanti *"ilha tifforma parti minn dan il-fond ghal zmien twil".*

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Ottubru 1999;18 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex jippresenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavits; 27 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza marret *sine die* stante li la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru.

Rat ir-rikors tal-attur tat-3 ta' April 2000 u id-digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet ri-appuntata fuq il-lista ghall-21 ta' Novembru 2000.

Rat l-affidavits prodotti mill-konvenut permezz ta' nota datata 22 ta' Ottubru 1999, fosthom l-affidavits ta' Anthony Buhagiar datat 20 ta' Ottubru 1999 a fol. 45 tal-process; Annie Buhagiar tal-20 ta' Ottubru 1999 a

fol. 46 tal-process; Toni Buhagiar tal-20 ta' Ottubru 1999 a fol. 47 tal-process; Vincent Buhagiar tal-istess data a fol. 48 tal-process u Rita Grech a fol. 49 tal-process.

Rat l-affidivat tal-konvenut tat-30 ta' Ottubru 2000 a fol. 60 tal-process u d-dokument esebit a fol. 61 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2000, fejn il-Qorti fuq talba tal-konvenut awtorizzat lill-istess jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fi zmien ghoxrin (20) gurnata u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-25 ta' April 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Anthony Buhagiar tal-1 ta' Dicembru 2000 debitament notifikata lid-difensur tal-attur fis-7 ta' Dicembru 2000, fejn l-istess konvenut ecceppixxa ulterjorment:-

(1) Illi l-porzjoni ta' art mertu ta' din il-kawza, li tinsab wara l-fondi numru 78 u 79 fi Stuart Street, Gzira ilha tifforma parti mill-fond residenzjali tal-esponent 80, Stuart Street, Gzira ghal fuq minn erbghin (40) sena.

(2) Illi ghalhekk l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-**artikolu 2140 (1) tal-Kap 16** kif ukoll f'kull kaz a tenur tal-**artikolu 2143 tal-Kap 16**.

Rat il-verbal tal-25 ta' April 2001, fejn xehed il-konvenut Anthony Buhagiar, u fejn Dr. George Abela indika li r-riferta tad-dokument a fol.61 tal-process hija negattiva; rat ix-xhieda ukoll tal-istess attur Anthony Mercieca u l-kawza thalliet ghall-kontro-ezami ta' ulied u mart l-konvenut ghas-6 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 fejn dehru biss l-attur u l-konvenut u d-difensur tieghu, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru 2001 bil-fakolta ta' nota ta' osservazzjonijiet mill-attur fi zmien erbghin gurnata, u b'nota responsiva tal-konvenut fi zmien erbghin gurnata min-notifika.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. KAWZA ODJERNA.

Illi din il-kawza qed issir stante li l-attur qed jallega li bicca art li tinsab wara z-zewg fondi numri 78 u 79 fi

Triq Stuart, Gzira, hija proprjeta' tieghu, u ghalhekk qed jallega li l-hajt li bena l-istess konvenut sabiex jaghlaq l-istess bicca art, li wkoll qed jokkupa illegalment, mal-fond okkupat minnu sar illegalment u ghalhekk qed jitlob li l-istess bicca art tigi dikjarata proprjeta' tal-attur, u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex inehhi l-istess hajt bil-mobbli li hemm fl-istess art, u fin-nuqqas li l-hajt jitnehha bi spejjez tal-konvenut, u tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel l-istess xoghlijiet, jaghmel l-istess xoghol huwa.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut sostna li l-istess art li tifforma parti mill-fond residenzjali tieghu 80, Stuart Street, Gzira, qed jokkupa b'titolu validu fil-ligi u dan ghal iktar minn 40 sena u ghalhekk l-azzjoni attrici hija perenta abbazi tal-**artikolu 2140 (1) u 2143 tal-Kap 16**.

## B. <u>Provi Prodotti.</u>

Illi l-unika prova li ressaq l-attur hija dik tal-kuntratt tal-akkwsit tieghu taz-zewg fondi konsistenti f'dar u terran, numri 78 u 79, Stuart Street, Gzira, liema att jinsab pubblikat min-Nutar Dr. Frank Xavier Dingli fis-16 ta' Mejju 1968, u li jinsab esebit a fol. 5 tal-process, u mill-istess kuntratt jirrizulta li l-venditur, u l-avendi

kawza tal-attur kien akkwista l-istess zewg fondi flimkien ma huh Charles Micallef b'kuntratt tal-31 ta' Ottubru 1938, u l-istess Charles Micallef kien miet fis-27 ta' Frar 1968 li halla b'testment bhala eredi tieghu lil Mary Micallef, li wkoll mietet fil-15 ta' Marzu 1968, u b'testment *unica charta* innominat lill-Joseph Micallef bhala eredi taghha.

Illi din il-provenjenza tinsab kollha citata fl-istess kuntratt tas-16 ta' Mejju 1968 u ma hemm ebda kuntratt iehor jew att pubbliku iehor esebit.

Illi **l-attur** ittenta jsostni l-allegazzjonijiet minnu vantati permezz ta' affidavit datat 30 ta' Ottubru 2000 fejn sostna li l-fond 78, huwa proprjeta' tieghu u xtrah fin-1968, izda ilu jghix fih mill-1935, u sostna li skond il-pjanta tal-akkwist tal-fond tieghu, (li qal li qed jesebixxi, izda fil-fatt mal-affidavit ma kien hemm l-ebda pjanta esebita), u c-cens stabbilit jekkwipara ruhhu mal-prezz ta' tlett xelini u nofs kull qasba. Skond l-istess attur, Anthony Gatt, l-awtur tal-konvenut kien dahal fl-art tieghu u bena l-istess hajt mertu tal-kawza odjerna, u ghalhekk l-art baqghet ghandu u wara marret ghand il-konvenut. Kien kiteb fuq din l-art permezz tal-avukat tieghu Dr. Patrick Holland fin-1969, u mbaghad biss permezz ta' din il-kawza fid-19 ta' Dicembru 1996.

Illi fl-ahharnett sostna fix-xhieda tieghu tal-25 ta' April 2001 li huwa kemm-il darba qal lil dan Anthony Gatt biex johrog mill-istess bicca art, u l-istess ghamel ma omm il-konvenut u mal-istess konvenut, izda kien kollu ghalxejn u wara ghamel din il-kawza. Illi skond l-istess attur dan Anthony Gatt kien ilu li bena dan il-hajt li bih ghalaq din il-bicca art in kwistjoni mal-fond numru 80, Stuart Street, Gzira minn 1935, u wara dahlu fih il-konvenut u l-familja tieghu.

Illi **l-konvenut** min-naha tieghu sostna li l-art in kwistjoni tikkonsisti fi gnien li tifforma parti mill-fond tieghu 80, Stuart Street, Sliema, li qabel kien tal-mama' tieghu u ilu joqghod fih minn meta izzewweg f'April 1959, u huwa dejjem jafu fl-istess stat, tant li qatt ma ghamel ebda tibdil strutturali fih. Dan jinsab ikkoroborat minn martu Anne Buhagiar, u minn uliedu Tonio u Vincent Buhagiar, u wkoll minn **Rita Grech** li tabita 79, Stuart Street, Gzira, li sostniet ukoll li ilha toqghod hemm madwar 56 sena u l-istess gnien dejjem tiftakru bhala parti mill-fond 80, Stuart Street, Gzira, u l-istess gnien imiss in parti mal-bitha taghha u in parti mal-gnien tal-fond 78, Stuart Street, Gzira.

Illi in kontro-ezami l-istess konvenut sostna li l-fond tieghu huwa kien wirtu minghand ommu, u ma kienx jaf lil Anthony Gatt, u huwa qatt ma ra ittri minghand l-

attur lill-ommu, u l-attur qatt ma kellmu dwar din il-bicca art.

## C. <u>PRINCIPJI LEGALI U APPREZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi l-azzjoni li qed jaghmel l-attur hija *"l-actio reivendicatoria"* fejn qed isostni li huwa proprjetarju ta' bicca art wara l-fondi tieghu 78 u 79, Stuart Street, Gzira, li attwalment tikkonsisti f'parti minn bitha formanti parti mill-fond numru 80, Stuart Street, Gzira, okkupat mill-konvenut, u ghalhekk qed jitlob li l-istess bicca art tigi re-integrata lilu in vista tat-titolu minnu vantat.

Illi mir-relazzjoni peritali jirrizulta li l-art in kwistjoni tinsab indikata bl-ahmar fil-pjanti redatti mill-istess perit tekniku A.I.C Joseph Ellul Vincenti mmarkati rispettivament bhala Dok. "JEV 1" u "JEV2" a fol. 32 u 33 tal-process, u abbazi tar-risultanzi tieghu l-istess perit tekniku kkonkluda li:-

*"Il-hitan ta' bejn il-bitha tal-attur u dik tal-konvenut jidhru li ilhom hemm hafna snin u m'hemm ebda indikazzjoni li xi darba kien hemm hajt fil-parti XX kif jirrizulta mid-Dok. "JEV/1 u 2". Il-hajt divizorju bejn il-bitha tal-attur u dik tal-konvenut huma hitan gholjin, mibnija b'kantun tal-gebel regolari, u jinsabu in parti*

*immermrin, xi haga li turi li dawn il-hitan ilhom hemm zmien twil ta' snin".*

*"Dan il-feles art fuq wara tal-fond 78, 79, Stuart Street, Gzira, fih area superficjali, inkluz nofs il-hajt ta' 3.02 qasab kwadri cioe' 13.26 metri kwardi".*

*"L-art immarkata bl-ahmar fuq pjanta Dok. JEV/1 u JEV/2 ghandha area ta' 3.02 qasab kwadri cioe' 13.26 metri kwadri w illum tifforma parti mill-bitha tal-konvenut Buhagiar u jidher li ilha tifforma parti minn dan il-fond ghal zmien twil".*

Illi skond **Andrea Torrente fil-ktieb "Trattato Di Diritto Civile** jinghad li:-

*" La revendicazione (art.948 cod.civ.) e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene".*

*"L'attore, in conformita' delle regole generali, ha l'onero di dimostrare il suo diritto; percio', se l-acquisto non e' a titolo originario, ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare all' infinito, la prova sarebbe, se non*

*addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di ‘probatio diabolica’)*”.

*“La posizione del convenuto riguardo alla prova e’ molto piu’ comoda di quella dell’attore (“commodum possessionis”): egli puo’ limitarsi a dire ‘possideo quia possidea’ ed attendere che l’attore provi il suo diritto”.*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **“Alosia Fenech u ohrajn vs. Francesco Debono u iehor”** (P.A. ( W.H.) 14 ta’ Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

*“Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “**Abela vs Gauci**” maqtugha fl-1 ta’ Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta’ mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vol.VI.160): ‘e dunque il suo diritto di proprieta’ che il rivendicante deve provare. Finche’ non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo’ sebare il silenzio, e vincere’ la lite per cio’ solo che il rivendicante non avra’ provato di essere proprietario. Cio’ e’ universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza”.*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

*"L-azzjoni tentata mill-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita` tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*

*"Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza".*

*"Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta' tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-pussessur".*

Illi l-istess gie ikkonfermat fis-sentenza **"Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg"** (A.C. (GMB) 6 ta' Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

*"Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux*

*bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tieghu innifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluziva".* **("Av.Dr. Rene' Frendo Randon noe vs Francis Camilleri *et nomine" -*** A.C. (H.H.) 2 ta' Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **"Alfred Copperstone vs Francesco Grech et" –** P.A. (J.C.C.) 14 ta' Dicembru 1951).

Illi ghalhekk abbazi ta din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta' fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pusess li huwa ghandu *'animo domini'* **("Sac. Don Giovanni Agius *nomine vs* Paolo Genovese *et" -*** A.C. 21 ta' Jannar 1946).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li dan l-istess attur ma rnexxilux jaghmlu stante li l-kuntratt datat 16 ta' Mejju 1968 jirreferi biss ghall fondi 78 u 79, Stuart Street, Gzira, bla ebda riferenza kwalunkwe ghall-istess bicca art, u dan meta l-istess bicca art, skond l-istess attur kienet gia tifforma parti mill-fond 80, Stuart Street, Gzira, illum okkupat mill-konvenut, ghaliex l-istess attur ammetta fix-xhieda tieghu, li din l-art kienet integrata, kif fil-fatt inhi illum, mal-fond okkupat

mill-konvenut, sa mill-1935 meta kien bena certu Anthony Gatt, li kien joqghod fl-istess post qabel il-konvenut.

Illi dan ukoll jinsab ikkonfermat mill-fatt li l-istess konvenut kien ilu joqghod fil-post tieghu 80, Stuart Street, Gzira almenu minn meta izzewweg fin-1959, u ghalhekk meta xtara l-istess attur, l-istess bicca art kienet gja tifforma parti mill-istess fond tal-konvenut, tant li hija parti mill-bitha mill-istess fond tieghu, u dan huwa wkoll ikkoroborat kemm mix-xhieda tal-istess familjari tal-konvenut, fosthom martu w uliedu, kif ukoll mix-xhieda ta' Rita Grech, li tabita fil-fond 79, Stuart Street, Gzira, u ilha hemm tabita ghall 56 sena u dejjem tiftakar li l-istess bicca art kienet tifforma parti integrali mill-fond okkupat mill-konvenut u l-familja tieghu.

Illi dan bl-ebda mod ma gie kontestat mill-attur, u ghalhekk jidher li mhux biss l-attur ma rnexxilux jipprova it-titolu tieghu fuq l-istess porzjoni ta' art minnu indikata fic-citazzjoni attrici, izda l-konvenut irnexxilu jipprova pussess interott u inekwivoku ghall-iktar minn 30 sena, tul liema perjodu huwa ipposseda l-istess fond u art mertu tal-kawza odjerna *uti dominus* b'mod apparenti u mhux interott.

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat mir-relazzjoni peritali fejn l-istess perit tekniku ikkonferma li l-hajt in kwistjoni kien ilu li nbena zmien twil, u dan huwa muri mil-fatt li l-istess hajt jidher li ilu mibni u anke mmermer, u dan apparti ix-xhieda prodotta mill-konvenut, ikkoroborata mix-xhieda minnu prodotti, li lkoll ikkonfermaw li mis-sena 1959, minn meta beda jghix hemm l-istess konvenut, ma sar ebda xoghol ta' natura strutturali in konnessjoni mal-istess hajt, u dan anke jinsab ammess u accettat mill-attur innifsu li xehed li l-istess hajt ilu mibni min-1935.

Illi ghalhekk peress li jirrizulta li l-istess konvenut ilu fil-pussess tal-istess art ghall-iktar minn tlettin sena, u li l-istess art ilha tifforma parti integrali mill-fond okkupat mill-konvenut almenu mis-sena 1935, u wkoll peress li jirrizulta mill-provi li llum dan il-fond bil-bicca art in kwistjoni huma proprjeta' tal-konvenut, li wiret l-istess minghand ommu, din l-azzjoni hija ghalhekk ukoll preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2143 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk abbazi tal-istess t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, u wkoll l-eccezzjoni ulterjuri abbazi tal-artikolu 2143 tal-Kap 16**, tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**23 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Ottubru 2001**